



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2011/0092(CNS)**

26.9.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li  
tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u  
elettriku

(COM(2011)0169 – C7-0105/2011 – 2011/0092(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Sabine Wils

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### I. Il-proposta tal-Kummissjoni

Id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija (ETD) tiffissa rati minimi għat-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għal magni, fjuwils għat-tisħin, u għall-elettriku. Ir-rati minimi ġeneralment japplikaw għall-volum tal-prodott tal-enerġija kkunsmat. Il-Kummissjoni tħoss li din is-sistema għandha għadd ta' effetti negattivi, fosthom li toħloq inċentivi li jmorru kontra l-għanijiet tal-UE li jirrigwardaw it-tibdil fil-klima jew li jgħawġu s-suq intern.

Bil-proposta tagħha għal reviżjoni, il-Kummissjoni għandha l-għan li tirmidja dawn l-effetti negattivi. Waħda mill-ideat ewlenin tagħha hija struttura ġdida ta' tassazzjoni fuq l-enerġija billi taqşam ir-rata minima ta' tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija f'żewġ partijiet:

1) Waħda bbażata fuq l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-prodott tal-enerġija. It-tassazzjoni tad-CO<sub>2</sub> tkun zero għas-sorsi kollha tal-enerġija li attwalment, jew fil-futur, huma jew ikunu rikonoxxuti bħala ħielsa mis-CO<sub>2</sub>.

2) L-oħra bbażata fuq il-kontenut tal-enerġija għal kull Gigajoule, irrspettivament mill-prodott tal-enerġija, biex jingħata inċentiv biex tiġi ffrankata l-enerġija.

Fl-istess ħin, il-proposta għandha l-għan li tagħmel l-ETD aktar konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, bħall-Iskema ta' Skambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS). F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tipproponi li t-taxxa relatata mas-CO<sub>2</sub> ma tiġix applikata għall-installazzjonijiet suġġetti għall-ETS, jiġifieri inkluża l-avjazzjoni.

Diversi aspetti ulterjuri tal-proposta jirrigwardaw il-politika tat-trasport, bħal:

- It-tneħħija tal-possibilità li l-Istati Membri jagħmlu differenza fit-trattament ta' taxxa bejn l-użu kummerċjali u non-kummerċjali taż-żejt tal-gass bħala fjuwil għall-muturi;
- It-tneħħija tal-possibilità li tiġi applikata rata aktar baxxa ta' tassazzjoni fuq il-konsum enerġetiku ġenerali għat-taxis, peress li m'għadhiex kompatibbli mal-oġettiv tal-politiki li jippromwovu l-fjuwils alternattivi, trasportaturi tal-enerġija alternattivi u l-użu ta' vetturi aktar 'nodfa' fit-trasport urban;
- Li jiġu aġġornati d-definizzjonijiet ta' tankijiet standard u kontenituri speċjali.

Fl-aħħar nett il-Kummissjoni tipproponi li teżenta l-elettriku mix-xatt mogħti lill-vapuri meta jkunu marbutin mal-moll f'port u li żżomm l-obbligi eżistenti għall-Istati Membri li jeżentaw mit-tassazzjoni il-fjuwil użat għall-finijiet ta' navigazzjoni tal-ajru u marittima. F'dak li għandu x'jaqşam mal-ilmijiet interni, il-Kummissjoni tipproponi li żżomm ir-regoli attwali li jippermettu lill-Istati Membri japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis totali jew parzjali fil-livell ta' tassazzjoni.

### II. Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tilqa' u tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni. Il-prinċipju li fuqu hija bbażata huwa sod peress li jipprevedi trattament konsistenti tas-sorsi kollha tal-enerġija b'approċċ teknoloġikament newtrali. Fl-istess ħin tagħti inċentivi għal prodotti tal-enerġija li jniġġsu anqas u għal qalba lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju.

Hemm aspekk fejn ir-Rapporteur xtaqet li l-Kummissjoni kienet aktar ambizzjuża. Dan jikkonċerna l-obbligi eżistenti (!) għall-Istati Membri li jeżentaw mit-tassazzjoni il-fjuwil użat għall-finijiet ta' navigazzjoni tal-ajru u marittima ("l-eżenzjoni") kif stipulat fl-ETD li huwa fis-seħħ bħalissa. Is-sitwazzjonijiet attwali tista' tiġi spjegata fil-qosor hekk: l-ETD tippermetti lill-Istati Membri jintaxxaw it-traffiku domestiku bl-ajru u bil-baħar, tobligahom jikkonkludu ftehimiet bilaterali jekk huma jkun jixtiequ jintaxxaw it-traffiku bl-ajru u bil-baħar għewwa l-UE (li l-ebda Stat Membru għadu m'għamel) u tipprojbixxi li t-traffiku internazzjonali bl-ajru jkun intaxxat.

Ir-rapporteur tipproponi li jitneħħa l-obbligu tal-eżenzjoni fuq l-Istati Membri u li dawn jingħataw id-dritt li jiddeċiedu huma jekk iridux jimponu taxxa jew le. Din is-soluzzjoni tkun aktar konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà mill-projbizzjoni attwali. Kif wieħed jista' jara mill-introduzzjoni tat-taxxa fuq il-biljetti tal-ajru minn uħud mill-Istati Membri, jidher li hemm ċerta rieda biex tiġi indirizzata il-kwistjoni tat-taxxa fuq l-avjazzjoni, li tista' tkun ukoll mod biex titwessa' l-bażi tat-taxxa. Fl-istess ħin, b'din is-soluzzjoni l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar id-dettalji tat-tassazzjoni tagħhom biex jevitaw problemi ta' kompetizzjoni.

It-tneħħija tal-obbligu għall-eżenzjoni jkun l-ewwel pass sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-livell internazzjonali. L-UE jkollha argumenti aħjar biex tinsisti fuq taxxa fuq il-fjuwil għal titjiriet fi ħdan l-UE għal ftehimiet futuri dwar servizzi tal-ajru ma' pajjiżi terzi. Dan ikun ukoll konsistenti mas-sejħa tal-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona li "jingħataw inċentivi biex l-istandards [...] ambjentali jinżammu u jissaħħu."<sup>1</sup>

F'dan il-kuntest huwa importanti li wieħed jinnota li l-Konvenzjoni ta' Chicago ma fihix projbizzjoni ġenerali li jiġi ntaxxat il-fjuwil għall-avjazzjoni. Hija tipprojbixxi biss li jiġi ntaxxat il-fjuwil li jkun diġà abbord.<sup>2</sup>

Apparti hekk, l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-ETS ma tagħmilhiex bla bżonn li l-kwistjoni tiġi indirizzata, peres li l-Kummissjoni qed tipproponi li ma tapplikax it-taxxa relatata mas-CO<sub>2</sub> għall-installazzjonijiet suġġetti għall-ETS (ara fuq). Għaldaqstant il-vantaġġ kompetittiv tal-avjazzjoni jibqa' hemm peres li din tkun tkopri biss parti mir-rata tat-taxxa li modi oħrajn iridu jħallsu.

Jekk l-objettiv fuq żmien fit-tul huwa li jinħolqu kundizzjonijiet indaq għall-modi differenti ta' trasport, jeħtieġ li jitwettaq l-ewwel pass f'din id-direzzjoni. Il-pass li qed jiġi propost li jsir hawnhekk mhux pass ta' ġgant iżda tal-anqas huwa pass fid-direzzjoni t-tajba lejn sistema ta' trasport aktar sostenibbli.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

<sup>1</sup> Ara l-punt 8 tar-Risoluzzjoni.

<sup>2</sup> Ara l-Artikolu 24 dwar id-dazji tad-dwana paragrafu a) [http://www.icao.int/icaonet/dcs/7300\\_cons.pdf](http://www.icao.int/icaonet/dcs/7300_cons.pdf)

## Emenda 1

### Proposta għal direttiva Premessa 18 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(18a) Din id-Direttiva hija maħsuba biex tiffaċilita l-ilħuq tal-għanijiet primarji tal-politiki tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. L-introduzzjoni tas-settur tal-avjazzjoni fl-Iskema tal-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE permezz tad-Direttiva 2008/101/KE hija riflessjoni tal-ambizzjoni li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn dan is-settur jitnaqqsu. F'każ li sal-31 ta' Diċembru 2011, ma jintlaħaq l-ebda ftehim internazzjonali li jkun jinkludi l-emissjonijiet internazzjonali mis-settur marittimu u li jkun jinkludi objettivi ambizzjużi ta' tnaqqis, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex dawn l-emissjonijiet jiġu inklużi fi ħdan l-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. Huwa essenzjali, għall-indipendenza tal-Unjoni fl-enerġija, u bħala inċentiv għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, li jkun hemm taxxa fuq il-prodotti tal-enerġija użati fl-attivitajiet marittimi u tal-avjazzjoni li tkun bħal dik fuq prodotti oħrajn tal-enerġija.***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-projbizzjoni fuq l-Istati Membri li japplikaw miżuri ta' taxxa għall-prodotti tal-enerġija użati għall-attivitajiet marittimi u tal-avjazzjoni mhijiex ġustifikata. Minħabba n-nuqqas ta' kapaċità li l-Membri japplikaw miżuri ta' taxxa fuq il-prodotti tal-enerġija użati fl-avjazzjoni u fit-tbaħħir, l-Istati Membri ma jistgħux jilhqnu l-impENji tagħhom għall-politiki tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima b'mod kost-effettiv.*

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Id-Direttiva 2003/96/KE tobbliga lill-Istati Membri li jeżentaw mit-tassazzjoni ***il-fjuwil użat għan-navigazzjoni fl-ilmijiet Komunitarji kif ukoll*** l-elettriku prodott abbord il-bastimenti, inklużi meta jkunu irmiġġati f'port. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jestendu dan it-trattament favorevoli tat-taxxa għall-passaġġi tal-ilma interni.*** F'xi portijiet teżisti alternattiva aktar nadifa bl-użu tal-elettriku mix-xatt li, madankollu, huwa taxxabbli. Sabiex ***jistabilixxi l-ewwel inċentiv għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' din it-teknoloġija,*** sakemm isseħħ l-adozzjoni ta' qafas aktar komprensiv f'dan il-qasam, ***Stat Membru jista' jeżenta*** mit-tassazzjoni tal-enerġija l-użu tal-elettriku mix-xatt minn bastimenti irmiġġati f'port. Din l-eżenzjoni għandha tapplika matul perjodu twil biżżejjed sabiex ma tiskoraġġix lill-operaturi tal-port milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa iżda fl-istess ħin għandha tkun limitata fiż-żmien b'tali mod li ż-żamma tagħha, b'mod sħiħ jew parzjalment, issir soġġetta għal deċiżjoni ġdida fi żmien xieraq.

##### *Emenda*

(19) Id-Direttiva 2003/96/KE tobbliga lill-Istati Membri li jeżentaw mit-tassazzjoni l-elettriku prodott abbord il-bastimenti, inklużi meta jkunu irmiġġati f'port. F'xi portijiet teżisti alternattiva aktar nadifa bl-użu tal-elettriku mix-xatt li, madankollu, huwa taxxabbli. Sabiex ***tiġi evitata l-produzzjoni ta' elettriku abbord il-bastiment waqt li jkun irmiġġat, u t-niġġis tal-arja assoċjat miegħu,*** sakemm isseħħ l-adozzjoni ta' qafas aktar komprensiv f'dan il-qasam, ***l-Istati Membri għandhom jeżentaw*** mit-tassazzjoni tal-enerġija l-użu tal-elettriku mix-xatt minn bastimenti irmiġġati f'port. Din l-eżenzjoni għandha tapplika matul perjodu twil biżżejjed sabiex ma tiskoraġġix lill-operaturi tal-port milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa iżda fl-istess ħin għandha tkun limitata fiż-żmien b'tali mod li ż-żamma tagħha, b'mod sħiħ jew parzjalment, issir soġġetta għal deċiżjoni ġdida fi żmien xieraq.

Or. en

##### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza ta' dan it-test, din il-premessa għandha titratta biss l-elettriku mix-xatt.*

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 19 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19a) B'konformità mal-objettivi tal-Unjoni li jirrigwardaw it-tibdil fil-klima u l-ambjent, jeħtieġ li jitneħħa l-obbligu li l-Istati Membri jeżentaw mit-taxxa l-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni bl-ajru u marittima. It-tmiem ta' dan l-obbligu johlq kundizzjonijiet indaqs għall-modi differenti ta' trasport, iwessa' l-bażi tat-taxxa u jikkonforma aktar bis-sħiħ mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-obbligu li Stat jidħol fi ftehimiet bilaterali ma' Stati Membri oħrajn biex ikun jista' jidderoga minn dawn l-eżenzjonijiet għandu jitneħħa wkoll, minħabba li jinvovli proċedura kkumplikata wisq. Minflok, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibilità li jintaxxaw il-fjuwil li jintuża għall-finijiet tan-navigazzjoni marittima u bl-ajru. L-Istati Membri għandhom jieqfu japplikaw dawn it-taxxi b'modi li jmorru kontra l-obbligi internazzjonali sakemm jitneħħew l-ostakoli legali internazzjonali. Meta Stati Membri jiddeċiedu li jintaxxaw il-prodotti tal-enerġija użati fl-Unjoni jew fin-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru jew marittima, dan għandu jsir, meta jkun possibbli, b'modi li ma jwasslux għal 'tankering'.**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Meta l-Kunsill adotta l-ETD l-Istati Membri kollha, ħlief għal Spanja u l-Irlanda, u l-Kummissjoni ħarrġu stqarrija li, "bħala prinċipju", u fl-interess ta' sistema konsistenti ta' taxxa, il-fjuwil għall-avjazzjoni kummerċjali għandu jkun intaxxat bl-istess bażi bħal kwalunkwe fjuwil ieħor." L-emenda ġġib il-leġiżlazzjoni tal-UE konformi mal-isforz tal-UE li telimina r-regoli internazzjonali li jimpedixxu lill-Istati Membri milli japplikaw l-istess regoli ta' taxxa għall-fjuwils kollha tat-trasport.*

*Ta' min wieħed jinnota li l-ftehimiet legali internazzjonali li aderixxiet magħhom l-UE huma*

vinkolanti u jorbtu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha.

#### Emenda 4

##### Proposta għal direttiva Premessa 28

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba sa qabel tmiem l-2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni relatata mas-CO2 fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prezz tas-suq fl-UE tal-kwoti tal-emissjonijiet, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis stabbiliti f'din id-Direttiva, **inkluż għall-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni bl-ajru u bil-baħar**. Il-lista ta' setturi jew subsetturi li huma meqjusin esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tkun irrieduta b'mod regolari, b'mod partikolari billi jingħata kas tad-disponibbiltà tal-evidenza li titfaċċa.

###### *Emenda*

(28) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba sa qabel tmiem l-2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni relatata mas-CO2 fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prezz tas-suq fl-UE tal-kwoti tal-emissjonijiet, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis stabbiliti f'din id-Direttiva. **Dan ir-rapport għandu jinkludi ħarsa ġenerali tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar taxxa li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru**. Il-lista ta' setturi jew subsetturi li huma meqjusin esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tkun irrieduta b'mod regolari, b'mod partikolari billi jingħata kas tad-disponibbiltà tal-evidenza li titfaċċa.

Or. en

###### *Ġustifikazzjoni*

*Meta qed tipproponi li tirrapporta dwar il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjonijiet tat-taxxa għall-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni marittima u bl-ajru, il-Kummissjoni qegħda, b'mod impliċitu, tammetti li dawn huma problematiċi iżda qegħda fl-istess ħin tipposponi l-kwestjoni. Madankollu, jekk l-UE trid tkun kredibbli dwar l-objettiv tagħha li tittrasforma s-sistema ta' trasport Ewropew f'sistema sostenibbli, huwa importanti li l-Kummissjoni tindirizzahom issa. L-iffissar ta' prezzijiet ekwi huwa prekundizzjoni neċessarja għall-ilħuq ta' dan l-objettiv. Li d-diskussjoni tiġi posposta m'għandhiex tkun soluzzjoni.*



## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 11 – punt (a) – punt iia (ġdid)

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punti (b) u (c)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iia) il-punti (b) u (c) huma mħassra.**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tħassar l-obbligu li l-Istati Membri jeżentaw mit-taxxa dak il-fjuwil li jintuża għan-navigazzjoni marittima u bl-ajru. It-tneħħija ta' dan l-obbligu għandha potenzjal kbir għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Studju mwettaq għall-Kummissjoni sab li l-"armonizzazzjoni tad-dazji u tal-VAT fuq il-fjuwil fil-modi kollha tat-trasport (fil-livell ta' dawk li attwalment jitħallsu mit-trasport privat bit-triq) iwassal għal iffrankar ta' aktar minn 10% fl-emissjonijiet GHG, meta jitqabbel ma' xenarju fejn kollox jibqa' għaddej kif inhu". (Lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-UE sal-2050, p. xi)*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – punt 11 – punt a a (ġdid)

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 14 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) Il-paragrafu 2 huwa mħassar.**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tħassar il-proċedura kkumplikata li kienet tipprevedi li l-Istati Membri jridu jikkonkludu ftehimiet bilaterali ma' Stati Membri oħra jekk huma jkun jixtiequ jidderogaw mill-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni marittima u bl-ajru għat-trasport fi ħdan l-UE. L-ebda Stat Membru għadu ma uża din il-proċedura. Jidher aktar xieraq li, f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jingħataw il-possibilità li jintaxxaw il-fjuwil.*

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 13 – punt a – punt (-i)(ġdid)

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***"(fa) prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għan-navigazzjoni bil-baħar jew bl-ajru ħlief għal dgħajjes privati għad-delizzju jew għal titjiriet privati għad-delizzju."***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tissuġġetta bis-sħiħ għas-sussidjarjetà t-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu tan-navigazzjoni bil-baħar jew bl-ajru mhux privata jew għad-delizzju. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrispettaw il-livelli minimi fl-ANNEX I, japplikaw livelli aktar baxxi, jew li ma japplikaw l-ebda taxa fuq il-prodotti tal-enerġija.*

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 13 – punt b a (ġdid)

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 15 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"3a. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:***

***(a) 'titjir privat għad-delizzju' għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru minn sidu jew mill-persuna fiżika jew ġuridika li tgawdi l-użu tiegħu jew billi tikrih jew b'xi mod ieħor, għajr għal għanijiet kummerċjali u partikolarment għajr għall-ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija jew għall-għoti ta' servizzi bi ħlas jew għall-għanijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.***

***(b) 'dgħajsa privata għad-delizzju' għandha tfisser l-użu ta' dgħajsa minn***

*sidha jew mill-persuna fiżika jew ġuridika li tgawdi l-użu tagħha jew billi tikriha jew b'xi mod ieħor, għajr għal għanijiet kummerċjali u partikolarment għajr għall-ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija jew għall-għoti ta' servizzi bi ħlas jew għall-għanijiet ta' awtoritajiet pubbliċi."*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Dawn id-definizzjonijiet, ikkuppjati mill-Artikolu 14.1(b) u (c) attwali, huma meħtieġa, b'konsegwenza tal-emenda għall-Artikolu 15(fa).*

### **Emenda 9**

#### **Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – punt 17– c a (ġdid)**

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 21 – paragrafu 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*"6a. Mhux aktar minn sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prekundizzjonijiet sabiex uħud mill-Istati Membri, jew kollha kemm huma, jaqilbu minn sistema bbażata fuq il-fjuwil għat-trasport abbord għal waħda ibbażata fuq il-fjuwil għat-trasport użat. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, minn proposti għal emendi tal-liġi tal-Unjoni u għandu jinkludi valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt fuq is-sussidjarjetà fiskali, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-indipendenza fl-enerġija u t-tkabbir ekonomiku."*

Or. en

### *Justification*

*"Tank tourism" in road haulage and "tankering" within aviation distort the market and*

*strongly limit the ability for the Member States to set their own fuel taxes. As long as the taxation is based on fuel tanked and only minimum tax levels can be set under unanimity in the Council, it is hard to see how the “tank tourism” problem can be resolved. In parallel it seems difficult for Member States to fuel tax-wise treat aviation in the same way as other modes as long as only fuel tanked can be taxed.*

*An interesting option would be to tax fuel used instead of tax filled, e.g. in line with the North American IFTA model.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/96/KE

Artikolu 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### “Artikolu 29

Kull ħames snin, u għall-ewwel darba qabel tmiem l-2015, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn ikun xieraq, proposta biex tiġi mmodifikata. Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu, inter-alia, jeżamina l-livell minimu tat-tassazzjoni relatata mas-CO<sub>2</sub>, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b' mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tal-użu tal-elettriku fit-trasport u tal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis, ***inkluż għall-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni bl-arja u bil-baħar***, stabbiliti f' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkoll it-tħaddim kif jixraq tas-suq intern, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-oġġettivi usa' tat-Trattat. Fi kwalunkwe każ, il-lista ta' setturi jew subsetturi li huma meqjusin esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-finijiet tal-Artikolu 14a ta' din id-Direttiva għandha tkun irriveduta b' mod regolari, b' mod partikolari billi jingħata kas tad-disponibbiltà tal-evidenza li titfaċċa."

#### *Emenda*

##### “Artikolu 29

Kull ħames snin, u għall-ewwel darba qabel tmiem l-2015, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn ikun xieraq, proposta biex tiġi mmodifikata. Ir-rapport mill-Kummissjoni għandu, inter-alia, jeżamina l-livell minimu tat-tassazzjoni relatata mas-CO<sub>2</sub>, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b' mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tal-użu tal-elettriku fit-trasport u tal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis stabbiliti f' din id-Direttiva. ***Ir-rapport għandu jinkludi ħarsa ġenerali tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar taxxa li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi bl-arju***. Ir-rapport għandu jkoll it-tħaddim kif jixraq tas-suq intern, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-oġġettivi usa' tat-Trattat. Fi kwalunkwe każ, il-lista ta' setturi jew subsetturi li huma meqjusin esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-finijiet tal-Artikolu 14a ta' din id-Direttiva għandha tkun irriveduta b' mod regolari, b' mod partikolari billi jingħata kas tad-disponibbiltà tal-evidenza li titfaċċa."

*Ġustifikazzjoni*

*Meta qed tipproponi li tirrapporta dwar il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjonijiet tat-taxxa għall-fjuwil użat għall-finijiet tan-navigazzjoni marittima u bl-ajru, il-Kummissjoni qegħda, b'mod impliċitu, tammetti li dawn huma problematiċi iżda qegħda fl-istess ħin tipposponi l-kwestjoni. Madankollu, jekk l-UE trid tkun kredibbli dwar l-oġettiv tagħha li tittrasforma s-sistema ta' trasport Ewropew f'sistema sostenibbli, huwa importanti li l-Kummissjoni tindirizzahom issa. L-iffissar ta' prezzijiet ekwi huwa prekondizzjoni neċessarja għall-ilħuq ta' dan l-oġettiv. Li d-diskussjoni tiġi posposta m'għandhiex tkun soluzzjoni.*